**ĦAL LUQA**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**It-TMIEN' KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 1 – IT-TLIETA 2 TA' LULJU 2019**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi 174, Triq il-Ġdida, Luqa it-Tlieta 2 ta' Lulju 2019 fil-17:15pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | John Schembri | Sindku |
| | Kearon Bruno | Viċi Sindku |
| | Donald Cassar | Kunsillier |
| | Eric Camilleri | Kunsillier |
| | Frederick Aquilina | Kunsillier |
| | Victor Caruana | Kunsillier |
| | Lucia Massa | Kunsillier |
| Uffiċċjali Preżenti | Michael Portelli | Segretarju Eżekuttiv |
| | Dr. Geoffrey Vella | Kummissarju tal-Ġuramenti |

## 1. ĊERIMONJA TAL-ĠURAMENTI TAS-SINDKU

1.1 L-aktar Kunsillier anzjan għall Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa, Victor Caruana introduċa l-laqgħa billi ta' rendikont tar-riżultat tal-Elezzjoni fejn kien elett John Schembri, Sindku għall darb' oħra b' 1001 vot fl-ewwel għadd u b' hekk awtomatikament għandu jokkupa l-post ta' Sindku.

1.2 Il-Kummissarju tal-ġuramenti preżenti, Dr. Geoffrey Vella, saqsa lis-Sindku jekk dan jixtieqx li jokkupa l-kariga fejn dan irrisponda iva. Huwa ingħata l-ġurament u iffirma l-formola imħejjija apposta flimkien mal-Kummissarju tal-Ġuramenti.

1.3 Is-Sindku irringrazzja lill-Kunsilliera preżenti u qallhom li huwa kien diġà qassam id-dekasteri lill-kull Kunsillier bi ftehim u diskussjoni ma kull kunsillier. Huwa semma li kien qed jistenna li jsir rapport ta' ħidma relatata mad-dekasteru tagħhom kull sitt xhur u jiġi ppreżentat anki lid-Dipartiment.

1.4 Is-Sindku qal li d-dekasteri qegħdin spjegati sewwa u l-ebda kunsillier ma jista jidhol fuq id-dekasteru tal-ieħor. Is-Sindku qara d-dekasteri ta' kull kunsillier fil-preżenza ta' kulħadd.

1.5 Is-Segretarju qal lill-Kunsilliera sabiex josservaw dak li hemm fuq il-Kodiċi tal-Etika u qassam kopja lil dawk il-Kunsilliera li kienu ġodda. Huwa appella biex waqt il-laqgħa għandhom dejjem jindirizzaw lis-Sindku u jżommu d-dekor.

## 2. MOZZJONI

2.1. Is-Sindku informa lill-Kunsilliera preżenti li qed iressaq mozzjoni biex il-Kunsillier, Kearon Bruno jinħatar Viċi Sindku flok it-tieni persuna li ġabet il-maġġoranza tal-voti. Il-Kunsilliera preżenti qablu ma' din il-mozzjoni b' vot unanimu.

### 3. ĊERIMONJA TAL-ĠURAMENTI TAL-VIĊI SINDKU

3.1. Il-Kummissarju tal-Ġuramenti saqsa lill-Kunsillier Bruno jekk hux qed jaċċetta din il-kariga. Din irrisponda li se jkun qed jaċċetta u sussegwentament ingħata l-ġurament. Il-Viċi Sindku iffirma wkoll il-formola tal-ġurament imħejjija apposta flimkien mal-Kummissarju tal-Ġuramenti.

### 4. TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

4.1 Il-laqgħa ġiet fi' tmiemha It-Tlieta 2 ta' Lulju 2019 fis-6.10 pm. Ma kienx hemm ġurnata proposta għall laqgħa li jmiss.

| | |
|---|---|
| **John Schembri** | **Michael Portelli, BA (Hons), MA CHM, MBA** |
| **SINDKU** | **SEGRETARJU EŻEKUTTIV** |